**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TLETTAX**

**8 ta' ĠUNJU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

**SKUżAT**

Il-membru Joseph D'Amato nforma lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li ma setgħax jattendi minħabba laqgħa oħra li kellu tal-Kunsill fir-rigward ta' fond mill-EU. **Dok 1 mehmuż**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**13.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

13.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-hdax -il seduta ta' din il-leġislatura.

***13.2*** ***Attivitajiet li saru mill-Għaqdiet***

13.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ż-żewġ attivitajiet li saru kienu tajbin u fir-rigward ta' attivita' Tieġ Tradizzjonali Malti, l-kontijiet u l-irċevuti jinsabu kollha f'idejn il-Kunsill biex jintalbu l-fondi imwegħda mid-DLG.

Fir-rigward tal-attivita' Artiġjanat fiż-Żurrieq, għalissa għad ma waslux id-dokumenti kollha biex ikunu jistgħu jintalbu l-fondi.

13.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinforma lill-kuntrattur li ħa ħsieb il-billboard sabiex ineħħu l-poster tal-attivita' tal-Artiġjant fiż-Żurrieq u jekk mhux ser jitwaħħal dak ta'

Festa ħut, għandu jitħallha vojt.

*13.3* ***Shelter f'Bubaqra***

13.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fl-attivita' Tieġ tradizzjonali Malti nfetaħ ix-shelter li instab fil-misraħ u kien attrazzjoni unika għal din l-attivita'.

Iċ-Chairperson żied jgħid li mix-shelter għaddejja katusa li qed tkerraħ u tostakola l-aċċess ta' dan ix-shelter.
Hu tkellem mal-Onorevoli Stefan Buontempo fejn informa li ser jagħti l-għajnuna kollha tiegħu fuq dan ir-rigward.

Iċ-Chairperson qal li hu qed jistenna lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katerina VM jibagħtu l-evalwazzjoni tal-ispejjeż involuti u feedback tax-xogħol li jinvolvi l-proċess biex titneħħa l-katusa minn ġox-shelter.

13.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa lis-Segretarju Eżekuttiv biex ma jingħatawx permessi ta' inġenji f'Misraħ Santa marija man-naħa tal-bokka tax-shelter biex ma issirx ħsara lix-shelter. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tiġbed l-attenzjoni tal-istaff tal-Kunsill.

**13.3** ***Triq Dun Gejt Muscat/ Triq it-Torri***

13.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Perit William Lewis ġie kkuntatjat biex jara l-evidenza li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kellu fuq l-ilma li qed joqgħod fi Triq Dun Gejt Muscat. Hu żied jgħid li meta ġie kkuntatjat permezz ta' email il-Perit informa li ser jitla jara l-post u jitkellem mal-kuntrattur imma ġibed l-attenzjoni li hu ma kienx infurmat bid-data ta' meta kien ser jibda x-xogħol u għalhekk dan ma sarx taħt is-superviżjoni tiegħu.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li la l-Kunsill u l-anqas il-Kumitat ta'Bubaqra qatt ma nfurmaw lill-perit meta jkun ser jibda xi xogħol, imma dan jagħmlu l-kuntrattur stess li jkun ser jagħmel tali xogħol. Iċ-Chairperson żied jgħid li l-Kumitat Amministrattiv ser jistenna sas-seduta tal-Kunsill fejn ser issir evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tender tal-perit (contract management) u f'seduta oħra tal-Kumitat Amministrattiv jerġa jiġi diskuss dan l-item.

*13.4* ***Skip ħdejn iċ-Ċimiterju***

13.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-iskip il-kannella ta' fejn iċ-ċimiterju tinsab imkissra u ħiereġ l-iskart minnha. Il-Kumitat Amministrattiv ġie infurmat li dawn l-iskips li kienu tal-Wasteserv wara li spiċċa l-kuntratt, saru propjeta tal-Kunsill.

Minħabba li din l-iskip ma tistax tiġi msewwija, l-Kumitat intalab li jħallas 380Euro ta' waħda ġdida. Kien hemm qbil li l-iskip imsemmija titneħħa minħabba li hemm skips oħra bħalha fl-akwata.

**13.5** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

13.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-kumpanija GO infurmat li ser tneħħi t-telephone box li hemm f'Misraħ Santa Marija minħabba li mhux qed tintuża.

13.5.2 Iċ-Chairperson staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq jekk il-Kumitat Amministrattiv kellux permessi minn Transport Malta biex isiru l-linji sofor.

13.5.3 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri u l-membru Kevin Sam Farrugia ressqu dawn l-ilmenti fuq postijiet li għandhom bżonn qtugħ ta' ħaxix:
Triq Kalang Bugeja, Triq Saverjo Laferla u Triq ir-Rettur.

Kien hemm qbil li jkun avżat il-kuntrattur ikkonċernat.

13.5.4 Il-membru Kevin Sam Farrugia qal li hemm bżonn tidjieq il-bankina fi Triq Santu Rokku, għax meta jipparkjaw il-vetturi t-triq tkun ostakolata. Kien hemm qbil mal-każ u li fit-tarf tal-bankina issir rampa.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

13.5.5 Il-membru Joseph D'Amato bagħat email fejn talab li jiġi diskuss il-punt li hemm bżonn ta' mera on pole fi Triq ħal Far fejn hemm tabella li turi l-kamra tan-nar ta' Ħal Kirkop.

Kien hemm qbil li ssir mera żgħira fuq pole 'bended'.

***13.6*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

13.6.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.00pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Lulju, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**